MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' April, 2005

Talba Numru. 793/2003

**Tlata Limited**

**vs**

**Gordon Callus**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' April 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u zewg liri Maltin (Lm1,102.00) rapprezentanti bilanc ta' hlas rigward bejgh ta' *mechanical horse* mis-socjeta' attrici lill-konvenut.

Illi minkejja diversi nterpellanzi da parti tas-socjeta' attrici il-konvenut baqa' inadempjenti.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li l-ammoont mitlub mis-socjeta' attrici m'huwiex dovut kemm fattwalment kif ukoll legalment ghal diversi ragunijiet fosthom is-segwenti:-

1. L-inkompetenza ta' dan it-Tribunal *rationae materiaie* peress illi l-ftehim ta' hlas kien f'materjal u xoghol u mhux fi flus kontanti.
2. Illi minghajr pregudizzju ghal premess il-korrispettiv relattiv tal-bejgh gia' jinsab saldat permezz ta' xoghol esegwit u materjal fornit favur l-istess socjeta' attrici.
3. B'riserva ta' Risposta ulterjuri.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fl-4 ta' Dicembru 2003 fejn hija rriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' seba' mija u wiehed u tmenin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm781.55).

Sema' x-xhieda ta' Keith Portughes, Paul Falzon u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partjiet.

Ikkunsidra:

Illi permezz ta' skrittura li tinsab esebita a fol. 17 tal-process is-socjeta' attrici bieghet llill-konvenut *mehanical horse* bin-numru ta' registrazzjoni DAJ 381 u dan ghall-prezz ta' Lm4,000.00. F'din l-iskrittura hemm indikat li dan il-prezz kellu jithallas mill-konvenut fi zmien sitt xhur mid-data tal-iffirmar tal-iskrittura (22 ta' Jannar 2000) u dan jew permezz ta' xoghol jew altrimenti permezz ta' kontanti. Mill-provi rrizulta li l-konvenut kien qed ihallas dan il-prezz permezz ta' vjaggi, u cioe' garr ta' materjal, kif mitlub mis-socjeta' attrici. Il-partjiet jaqblu li l-konvenut dejjem hallas b'dan il-mod u qatt ma effetwa xi pagamenti in kontanti.

Il-konvenut qed jeccepixxi l-inkompetenza rationae materiae ta' dan it-Tribunal sabiex jiddeciedi dwar it-talba attrici u dan peress li l-ftehim bejn i-partijet kien fis-sens li l-prezz tat-trukk seta; jithallas jew b'xoghol jew bi flus.

Waqt it-trattazzjoni finali l-avukat difensur tal-konvenut ghamel referenza ghal sentenza ta' dan it-Tribunal kif presjedut tas-6 ta' Jannar 2003 fil-kawza fl-simijet 'Vella Brothers (Tal-Bidnija) Limited vs Tarcisio Galea di prprio u Carin Limited'. Il-fatti fil-kaz odjern huma differenti minn dawk tal-kawza citata u dan peress li fil-kawza odjerna il-ftehim bejn il-partijiet kien fis-sens li l-pagament seta' jsir jew permezz ta' xoghlijiet jew bi flus mentri fil-kawza imsemmija ma kien hemm ebda ftehim li l-pagament seta' anki jsir permezz ta' flus. It-talba maghmula mis-socjeta' attrici fil-kawza odjerna hija li l-konvenut ihallas il-bilanc tal-prezz tal-*mechanical horse* fi flus. Din it-talba hjia konformi mal-obbligi assunti mill-konvenut fl-iskrittura tat-22 ta' Jannar 2000 fejn huwa kien obbliga ruhu li jhallas il-prezz jew permezz ta' flus jew permezz ta' xoghlijiet. Is-socjeta' attrici ghalhekk kellha d-dritt li tesigi li l-konvenut ihallas il-bilanc dovut minnu fi flus u dan ai temini tal-ftehim milhuq bejniethom. Din it-talba hija talba ghall-flus ai termini tal-artikolu 3(2) tal-KAp. 380 u ghalhekk it-Tribunal ghandu kompetenza sabiex jiddeciedi dwarha.

L-eccezzjonijiet tal-konvenut ghat-talbiet attrici fil-mertu kienu fis-sens li l-prezz tal-*mechanincal horse* gie saldat minnu u li ma kien dovut ebda bilanc tal-prezz lis-socjeta' attrici. Waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-konvenut sostna li huwa kien effetwa l-pagament tal-prezz tal-*mechanical horse* fi zmien sena u dan permezz ta' vjaggi li huwa kien jaghmel fuq inkarigu tas-ocjeta' attrici. Huwa principju ben stabbilit li min jallega l-pagament irid jipprova tali pagament. F'dan il-kaz il-konvenut naqas milli jressaq provi intizi sabiex jistabbilixxu li huwa effettivament hallas il-bilanc dovut minnu lis-socjeta' attrici. Huwa jghid li kull darba li kien jeffetwa vjagg kien jiehu notament bil-miktub fuq id-*diary* tieghu u li fl-ahhar tax-xahar huwa kien jibghat rendikont tal-valur tal-vjaggi lis-socjeta' attrici. Inoltre huwa jghid ukoll li kull darba li kein jaghmel vjagg fuq inkarigu tas-socjeta' attrici huwa kien jinghata ricevuta mill-istess socjeta' attrici. Il-konvenut la esebixxa l-ircevuti u l-anqas ma produca r-rendikonti li allegatament kien jaghmel u jibghat lis-socjeta' attrici jew in-notamenti fid-diary tieghu. Fil-fehma tat-Tribual huwa ghalhekk naqas

milli jipprova l-pagament minnu allegat tal-bilanc tal-prezz mitlub mis-socjeta' attrici.

Is-socjeta' attrici min-naha l-ohra produciet rendikont dettaljat tat-transazzjonijiet bejn il-partijiet (a fol. 21 et seq.) u tal-mod kif hija waslet ghall-ammont ta' Lm781.55 li qed jintalab bhaa bilanc tal-prezz tal-*mechanical horse*. It-talbiet attrici kif ridotti ghalhekk jitrrizultaw soddisfacentement pruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici kif ridotti u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u wiehed u tmenin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm781.55).

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------